**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 28/18 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf, disa` mija u wiehed u disghin (1991) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. "A".

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li huma lkoll maggorenni.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat sebgha u ghoxrin (27) ta'

Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001), liema kuntratt ta' separazzjoni qed jigi anness u markat Dok. "B".

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi, inoltre, ir-rikorrenti tikkonferma illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg taghha minn mal-intimat, CB bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien hemm akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe "Vella";

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Vella;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Gunju, 2001;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Vella, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;